MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 438/2006

**Lifts Services Limited**

**vs**

**Sovereign Hotels Ltd**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-10 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' tmien mija hamsa u erbghin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm845.98) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u

702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet notifikat b’l-avviz fit-2 ta’ Gunju 2006 naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas s-somma ta’ tmien mija hamsa u erbghin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm845.98) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------